KLR 36/VI/2012

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar it-Tlieta 19 ta' Ġunju 2012 fil-17.30.

PREŻENTI:- Is-Sindku, l-Av. Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Marċel Tabone, il-membri Dr. Micahel Portelli, Joseph Debrincat, Michel Buttiġieġ, Josef Schembri u Carmel Theuma u s-Seg. Eżekuttiv Miriam Attard.

## 1. Talba

Intqalet talba.

## 2. Approvazzjoni tal-minuti

Ġew approvati l-minuti tal-aħħar laqgħa.

## 3. *Victoria Playing Field*

Tressqet it-*tender schedule* tal-offerti li ntefgħu għall-*Upgrading – construction and finishing* tal-*playing field* ta'Triq Taħt Puritjal. Ara dokument A. Il-membri qablu li jinħatar il-bord tal-aġġudikazzjoni. Dan il-bord se jkun iffurmat mis-Sindku, Dr. Samuel Azzopardi, il-membri tal-Kunsill, Dr. Michael Portelli u Josef Schembri, il-Perit Gordon Vella, l-*Accountant* John Buttiġieġ, Nancy Grech u s-Seg. Eżekuttiv Miriam Attard. L-ewwel laqgħa ta' dan il-bord ser issir nhar it-Tnejn 25 ta' Ġunju fit-15.00.

## 4. Jum il-Belt Victoria 2012 – 125 anniversarju ta' dan l-avveniment

Il-membri qablu li l-attivitajiet li saru s'issa kienu kollha ta' suċċess, speċjalment il-kunċert tal-10 ta' Ġunju 2012.

Is-Sindku għarraf lill-membri li l-parteċipazzjoni tal-Chorus Urbanus fil-kunċert ta' Jum il-Belt Victoria kienet minflok il-kunċert tal-Milied li ġej. Hekk ma jkunx hemm spejjes żejda. Il-kuntratt tas-Surmast John Galea li jinkludi t-tmexxija tal-orkestra, kunċert u l-kompożizzjoni tal-komemorazzjoni tal-125 anniversarju tal-Belt Victoria hu ta' €2,500 , il-kantanti €500 kull wieħed u l-kor €800. L-Orkestra Filarmonika Nazzjonali ser tiġi €12,626.00 li tinkludi l-kunċerti.

Dwar l-għoti tal-Onorefiċenza Ġieħ il-Belt Victoria, is-Sindku u l-Kunsilliera rrimarkaw li Dun Jimmy Xerri ma ngħatax dan il-Ġieħ. Dun Jummy għamel bosta snin missjunarju fil-Brażil. Fil-lista li ntalbet lill-Kurja Veskovili, Dun Jimmy ma kienx imniżżel. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jieħu nota ta' dan għal darb'oħra.

Il-membri qablu li l-Kunsill jissuġġerixxi lill-Kumitat għal-Ismijiet tat-Toroq sabiex triq fi Triq il-Mitħna tissemma għal Sor Marċellina Tabone li mietet waqt li kienet qed isservi fil-missjoni.

Rigward il-premijiet tat-*tournament* tal-Futbol li ser isir il-Ħadd 24 ta' Ġunju 2012, il-membri qablu li l-premijiet għandhom ikunu hekk:-l-ewwel premju €900, it-tieni €600 u t-tielet €500.

Il-membri qablu li l-inċiżjonijiet li saru fil-kommemorazzjoni tal-125 sena Belt, jistgħu jinbiegħu għall-prezz ta' €100 u minn numru 51 sa 99 biss.

<u>Korrispondenza – Jum il-Belt Victoria</u>

Tresset din il-korrispondenza relatata ma Jum il-Belt Victoria mingħand:-

i) Paul M Cassar fejn m'aċċettax l-istedina tal-Kunsill minħabba d-deċiżjoni li kien ħa rigward l-egħluq ta' Triq Vajringa waqt il-ħruġ u d-dħul tat-tfal mill-iskola Sir Arturo Mercieca. Il-Kunsill għandu jinfurmaħ li kien ħa l-aħjar deċiżjoni fl-interess ta' Beltna u li jiddispjaċieħ li qed iħallat affarijiet li m'għandhomx x'jaqsmu ma xulxuin;
ii) Rosabelle Pavia li lmentat għaliex il-Kunsill ms stediniex sabiex tipparteċipa fil-kunċert tal-10 ta' Ġunju. Għal dan il-kunċert, il-Kunsill iħalli f'idejn is-surmast diriġenti sabiex jintgħażlu l-kantanti. Dan għaliex il-Kunsill jifhem li m'għandux jiddetta ismijiet għax jemmen li l-armonija f'kunċert jista' jaħseb għaliha biss is-surmast;
iii) il-Gaulitanus Choir fejn intwera d-diżappunt li dan il-kor ma ġiex involut fl-attivitajiet. Fl-attiviatjiet tas-snin l'imgħoddija l-aktar li kienu jiġu nvoluti huma l-baned Rabtin u l-korijiet. Din is-sena l-Kunsill għażel lil Dr. John Galea sabiex imexxi kunċert bl-Orkestra Filarmonika Nazzjonali.

Il-membri qablu wkoll li tintbgħat korrispondenza lis-segretarja tal-Orkestra Filarmonika Nazzjonali rigward il-fatt li l-vapur ittardja biex telaq meta stenna lill-membri tal-orkestra wara li spiċċa l-kunċert. Il-Kunsill talab lil-Gozo Channel sabiex wara li jispicca l-kuncert il-vapur jistenna ħames minuti lill-membri tal-orkestra. Dan ġie mitlub espressamnet mis-Sur Chris Attard waqt laqgħa li saret fil-15 ta' Ġunju 2012 fl-uffiċċju tal-Kunsill. Għaldaqstant mhux minnu li l-orkestra qatt ma talbet sabiex il-vapur jistenna lill-membri tal-orkestra.

## *5. ERDF 249: Setting of an Integral, Archaeological and Historical Trail in Victoria*

Is-Sindku ta' din l-informazzjoni. L-ewwel darba li l-proġett ma ntgħażilx mhux għax ma kienx tajjeb iżda ma ntgħażilx għax id-Direttur Martin Buġelli kien ingħata struzzjonijiet diretti mingħand is-Seg. Parlamentari Dr. Chris Said. Il-bord ta' l-Appell li kien presedut minn Godwin Girma u fosthom kien hemm Marlene Bonniċi Kap tal-PPCD, li taw spjega ċara għalfejn il-proġett taħt l-ewwel sejħa li fiha ġiet sottomessa l-applikazzjoni ma setax jgħaddi. Dan hu

minħabba illi ma nġabitx il-*clearance* neċessarja. Il-Kunsill grat lejn dawn il-persuni. L-uniku *clearance* li ma nħariġx mid-Dipartiment għal-Gvern Lokali kien dak tal-Kunsill tar-Rabat Għawdex.

Id-Direttur Buġelli m'attendiex is-smiegħ tal-appell sabiex jispjega l-posizzjoni teigħu talli ma nħariġtx il-*clearance*. Il-Bord seta' jinnota li l-posizzjoni finanzjara tal-Kunsill tjiebet u billi l-*clearance* kienet obligatorja, l-bord ma setax jilqa' l-appell. Eventwalment l-Uffiċċju tal-Prim Ministru għamel kuntatt mal-Ministeru għal Għawdex sabiex jaraw dan il-Ministeru fis-sejħa li kienet ħierġa, setax jieħu l-proġett jew parti minnu f'idejh. Filfatt saret laqgħa bejn is-Sindku, il-Ministru għal Għawdex, id-Deirettur John Cremona u is-Seg. Permanenti ta' dak iż-żmien is-Sur Joe Xerri u d-Direttur Rita Cutajar. Kien sar qbil li l-Ministeru jaddotta minn dan il-proġett u sar *agreement* li jiġi finanzjat ix-xogħol tat-Tegħa tal-Belt u l-Foss taċ-Ċittadella. Għalkemm dan iż-żewġ postijiet huma tal-Kunsill , il-Ministeru kien lest li jidħol għal dan il-proġett u anke' għal-ko-finanzjament tiegħu, bil-Kunsill ikun parteċipi fil proċess kollu.

Beda' l-proċess tat-tieni sejħa. Din id-darba, il-Kunsill japprezza li d-Direttur tad-Dipartiment għal Gvern Lokali, is-Sur Carmel Abela, ħareġ il-*clearance* malli mitlub u li kien favorevoli għal dan il-proġett. Il-Kunsill japprezza l-għajnuna tal-Ministru Karm Mifsud Bonniċi u tas-Sinjura Cynthia Myskova meta riċentament kien hemm bżonn l-għajnuna tagħhom sabiex jenfasiżżaw mad-Dipartiment għal Gvern Lokali l-importanza ta' dan il-proġett u li d-*deadlines* jiġu rispettati. Eventwalment wara diversi tentattivi l-PPCD ltaqgħu ma rappreżentatni tad-Dipartiment fejn tawhom spjega ta' x'kien mistenni minnhom. Sussegwentament fil-31 ta' Mejju 2012, il-Kunsill irċieva korrispondneza ta' x'kien mitlub mill-PPCD lid-Diaprtiment. Il-Kunsill permezz tal-*accountant* għamel dak kollu rikjest u prepara l-*Five Year Cash Flow Projections* lid-Dipartiment. Dan ġie diskuss u approvat waqt din il-laqgħa u jinsab f' dokumnt B anness.

Eventwalment id-Dipartiment talab ħafna affarijiet oħra li fil-fehma tal-Kunsill huma ntiżi biss biex għal darb'oħra l-Kunsill jiġi mtellef proġett ta' tali protat. Sussegwentament illum 19 ta' Ġunju 2012 ntbagħtu dokumenti oħra lid-Dipartiment u l-Kunsill jispera li finalment tintlaqa t-talba tiegħu.

## 6. Victoria – *A portrait of a City*

It-tnehdija ta' dan il-kiteb ser issir nhar it-Tlieta 26 ta' Ġunju fis-18.30, fil-Librerija tal-Vajrinġa. Is-Seg. Eżekuttiv għarrfet lill-membri li dan intlaqa' tajjeb peress li diġa' nbiegħu diversi kopji bil-prezz tal-*pre-publication*. Is-Sindku rringrazzja lill-Odette Camilleri, Assistant Pricipal tal-kunsill, li offriet il-garaxx tagħha temporanjament sabiex dawn il-kotba jkunu jistgħu jinżammu fih sakemm jiġu distribwiti fil-ħwienet tal-kotba. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-membri tal-Kunsill għandu jkollhom 5 kopji u waħda minnhom tkun fis-*slip-on box*. Il-membri qablu ma dan.

**7. Approvazzjoni tal-Kontijiet**

Ġew approvati l-kontiijiet imressaqa u skond dokumnet Ċ anness.

**8. Korrispondenza**

Tressqet korrispondenza mingħand:-
8.1 Transport Malta (TM) fejn,
inħareġ il-permess għal-
8.1.1 *parking bays* ġodda biswit blokk L f'taċ-Ċawla H. E.;
8.1.2 *keep clear* ta' 1.5 metru quddiem 47, Triq Alfons Maria Ħili;
8.1.3 *double yellow line* fi Pjazza Savina minn Triq l-Arċipriet Saver Cassar sa Triq Santa Marija.
intlabu dettalji rigward talba għal-parkeġġ għall-persuni b'diżabilita quddiem:-
8.1.4 Michelina Bajada ta' 55, Triq Sant Ursola u
8.1.5 Anthony Vella ta' 'Salton', Triq Ġużeppi Labre'.

8.2 ic-*Chairman* tal-Awtorita' tad-Djar, Dr. Albert Buttiġieġ rigward il-proġett li qed isir fil-*Housing Estate* taċ-Ċawla. Dan talab xi spjegazzjonijiet għad-diffikultajiet li nqalgħu u bir-riżultat li x-xogħol qed jieħu żmien aktar minn kif mixtieq. Is-Sindku ta spjega ta' x'kien qed jiġri u se jiltaqa' mas-CEO.

8.3 il-MEPA:-
8.3.1 fejn ġew rilaxxati żewġ garanziji bankarji li huma €10,000 fuq il-porġett a' Pjazza San Ġorġ u €233 fuq monument li kellu jsir fi Pjazza Savina;
8.3.2 fejn ġew skedati grad 1 dawn il-postijiet:- il-mitħna ta' Triq Għajn Qatet / ta' Fortun, il-mitħna ta' Marżiena u il-fossos taċ-Ċittadella;

8.4 il-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq li laqa' s-suġġeriment tal-Kunsill sabiex tissemma triq għall-Presidenti Emeritus Dr. Ċensu Tabone. Korrispondenza oħra ta' dan il-kumitat tgħid li l-simijet tat-toroq skolpiti fl-irħam waqgħu f'idejn il-Kunsill Lokali mat-twaqqif tagħħhom. Għadaqstant il-manutenzjoni taqa' wkoll f'idejn il-Kunsill. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jqabbad persuna sabiex tiżboħ l-ittri mnaqxa f'dan l-irħam;

8.5 it-Taqsima tal-Kultura fejn il-Kunsill kien mgħarraf li ma kienux involuti fl-organiżżazzjoni tal-festa tad-Duluri iżda fl-armar għall-quddiesa. Il-Kunsill ġie assigurat li għal kull okkażjoni li torganiżża t-Tasima tal-Kultura fi Pjazza Indipendenza, jippruvaw jikkawżaw l-inqas diturb possibli lill-entitajiet kummerċjali ta' din il-pjazza;

8.6 Alfred Camillieri li rringrazja lill-Kunsill tax-xoghol żgħir li għamel quddiem il-garaxx tiegħu;

8.7 Maria Caruana rigward ilmenti dwar Triq Għjan Qatet. Is-Seg. Eżekuttiv għarrfet lill-membri li dawn l-ilmenti diġa' ġew indirizzati;

8.8 Charles Beżżina rigward ktieb li kiteb u li jġib l-isem ta' 'When the Siren Wailed'. Il-membri qablu li jinxtraw 10 kopji;

8.9 George Cassar li talab li n-naħħa l-oħra tal-garaxx tiegħu li jinsab f'67 Triq Pompei isiru *double yellow lines*, minħabba li ma jistax joħroġ il-vettura tiegħu bil-karrozzi pparkjati. Il-membri ma qablux peress li sid il-propjeta' ta' faċċata, oġġezzjoni li jsiru dawn id-*double yellow lines;*

8.10 il-kapijiet ta' l-iskejjel tal-Konservatorju tal-Isqof. Il-membri qablu li jsir *railing* tal-ħadid fil-passaġġ li minn triq l-Arċisqof Pietru Paċe jieħdok għall-parkeġġ tal-Isptar. Dan minħabba l-periklu eżistenti;

8.11 ir-residenti tas-sqaq fi Pjazzetta Patri Akkursju Xerri fejn talbui li jsir *bollard* peress li qed jidħlu l-vetturi jipparkjaw fih. Ir-residenti ffirmaw li jeżonoraw lill-Kunsill Lokali minn kwlaunkwe' responsabilita' ta' xi emerġenza li tista' tinqala f'dan l-isqaq. Il-membri qablu li jsir dan il-*bollard*;

8.12 residenti qrib Pjazzetta Patri Akkursju Xerri fejn issuġġerew li jinżebgħu il-kaxxi tal-parkeġġ u s-sinjali sofor f'din il-pjazzetta. Fil-ġranet li għaddew il-Kunsill qabbad lill-persuni mit-Taqsima tat-Toroq sabiex jiżbħu l-kaxxi u r-*raod markings* neċessarji f'din l-*area* u anke' fit-toroq Alfons Maria Ħili u l-Iskola. Dawn il-ħaddiema ma setgħux ikomplu bit-tgergir u l-ilmenti li nqalgħu minn bosta residenti ta' dawn it-toroq. Ir-raġuni l-aktar komuni kienent li l-parkeġġ ser jonqos drastikament;

8.13 Raymond Debattista li talab li jsir dawl li jkun jixgħel mad-dawl ta' l-Enemalta f'passaġġ ta' Xambekk Court. Il-membri qablu li ssir talba lill-Enemalta;

8.14 David Grech, f'isem Malta Property & Homes Expo li talab permess biex għal ħamest ijiem matul Lulju jew Awwissu jpoġġi tinda fi Pjazza Indipendenza biex jippromwovi l-porpjeta'. Il-membri qablu li dan għandu jsib post alternattiv peress li fi Pjazza Indipendenza m'hawnx lok għal aktar attivitajiet f'dawn ix-xhur;

8.15 il-familja Żammit ta' Triq Sette Gugnio li talbet li jsiru l-kaxxi tal-parkeġġ f'din it-triq. Il-membri jixtiequ jiġbdu l-attenzjoni li meta jinżebgħu kaxxi tal-parkeġġ b'qisien standard, il-parkeġġ jonqos drastikament;

8.16 Brian Sacco li qed jissuġġerixxi li jsiru *road humps* fi Triq it-Tabib Anton Tabone. Dawn mhux possibli li jsiru peress li din it-triq hi arterja u minnha jgħaddu l-karozzi tal-linja;

8.17 Michael Refalo fejn fost l-oħrajn talab li jitranġa *water culvert* li hu perikoluż u li jinsab fit-tirq/sqaq li jieħdok għal-Wied tal-Karawndi fi Triq l-Ewropa. Il-membri qalbu li l-Kunsill għandu jqabbad ħaddiem biex jara dan xi spejjes jinvolvi;

8.18 Joe Grima fejn issuġġerixxa li ssir bozza ġdida taħt l-arkata li twasslek quddiem il-kappella tal-Madonna tal-Lunzjata. Dan diġa' kienet ippjanata mill-Kunsill u qablu ma dan;

8.19 id-Direttorat tar-Regolazzjoni Veterinarja rigward l-ilment tad-drenaġġ li qed ikun hemm f' Wied il-Lunzjata. Skond dan id-Direttorat din il-materja issa taqa' f'idejn is-Segreatju Permanenti tal-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijet Rurali u taħt d-Direttur Ġenerali għad-Dipartiment għal-iżvilupp Rurali u Akwakultura. Dawn ġew infurmati b'dan;

8.20 Ġuliana Attard li lmentat minħabba li quddiem l-egħlieqi fi Triq Ġużè'Labre' m'hemmx il-ħajt ta' tmin iflati mtella. Din il-propjeta' tiġi wara l-ħwienet ġodda (Mother Care u New Look) li nfetħu fi Triq Fortunato Mizzi. Din il-materja taqa' f'idejn il-MEPA;

8.21 l-Avukat tal-Kunsill, Dr. Georgene Schembri, rigward l-offerta tal-ġbir tal-iskart organiku. Il-parir tal-Avukat hu li tinħareġ offerta ġdida. Dan peress li mill-*Procurement Regulations*, negozjati mal-offeratni jistgħu isiru biss jekk l-offerta tkun mill-bidu nett preżentata bħala '*negotaited prodcedure tender'*. Għalhekk, ikun mill-bidu nett jikkontempla tali proċedura ta' negozjati. Il-membri qablu li l-Kunsill joqgħdod fuq il-parir tal-Avukat u l-offeranti jiġu mgħarrfa b'dan. L-offerta tinħareġ mill-ġdida wara li jgħaddi l-perijodu legali tal-appell.

## 9. Materji oħra

Il-membri qablu li:-

9.1 minħħabba l-proġett tal-bini ta' Triq Repubblika, t-TM tiġi nfurmatha sabiex il-parti li tkissret minn Triq Palma terġa' ssir bl-i*stencil* kif kienet oriġinarjament. Barra minn hekk il-*water culvert* li kien hemm f'din il-parti għandu jerġa jsir kif kien;

9.2 jintalab il-permess tat-TM sabiex isiru *double yellow lines*;
9.2.1 quddiem garaxx numru 34 fi Triq Mons. Luiġi Vella;
9.2.2 quddiem l-isqaq ta' Triq Sant' Ursola;
9.2.3 fit-triq ta' wara l-Banca Giuratale (triq Sir Mikelanġelo Refalo) mill-*bollard* sal-bieb ta' wara tal-Kunsill;

9.3 jinxtraw *badges* tad-deheb bl-arma tal-Kunsill, għal-kunsilliera. Dawn jiswew €125 –il waħda;

9.4 jsir rapport lill-Pulizija peress li t-tabella taċ-ċeramika li turi l-isem ta' Triq Ġużè' Micallef twaħħlet mill-kuntratur tal-Kunsill u dakinhar filgħaxija inqalet minn individwu;

9.5 l-*hanger* li miegħu kien jiddendel l-iskart tar-residenti li joqgħodu fi blokk IA f'taċ-Ċawla H. E. ma jerġax jeħel għal issa;

9.6 issir bankina ġdida quddiem 'Fleur d'Amour' fi Triq l-Universitas. Il-bankina ser ssir peress li dik eżistenti h'mhix adekwata u l-ġdida se ssir bl-i*stencil* minħabba d-diżlivelli li hemm;

9.7 l-Kunsill jikkusidra jinħariġx il-peremss tal-kiosk ta' Walter Mompaloe fil-festa ta' Santa Marija. Dan minħabba li mhux qed jarma quddiem *bar*/stabiliment tal-*catering* u għalhekk ma

għandux ikollu permess. Jekk jipprovdi kopja tal-permess maħruġ mid-Dipartiment tal-kummerċ jista' jinħariġlu permess fejn il-kiosks l-oħra tal-ikel;

9.10 jiġi kkunsidrat l-ingaġġ ta' Christian Attard li qed jipparteċipa fl-iskema provduta mill-ETC bħala Community Work Scheme. Dan minħabba li wara li l-ħaddiema kollha li qed jipparteiċaw f'din l-iskema bħalu ntalabu jidħlu tlett siegħat is-Sibt ta' qabel il-kunċert ta' Jum il-Belt Victoria sabiex inaddfu t-taraġ tal-Kunsill, peress li kien hawn ix-xogħol tat-tikħil, Christian Attard kien l-uniku wieħed li m'aċċettax u minflok ħareġ bis-*sick leave*. L-istess ħaddiema ser jiġu kkumpensati bit-*time-off in lieu* kif isir is-soltu. Fuq l-aġir kontinwu ta' Christian Attard il-Kunsill unanimament qabel li l-*placement* tiegħu mall-Kunsill jiġi terminat u l-ETC mgħarrfa b'dan;

9.11 IL-Kunsill jipparteċipa fi proġett sportiv mal-Comuni tad-Delta del Po. Dan il-proġett se jiġi preżentat f'Settembru 2012.

9.12 Is-Seg. Eżekuttiv għarrfet lill-membri li nġabar l-i*sponsor* (€1,770) li l-Coca Cola tagħti għal-attivita' tal-ewwel tas-sena.

Il-laqgħa spiċċat fit-20.00. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tlieta ta' Lulju 2012 fil-17.30.

Av. Samuel Azzoaprdi
Sinkdu

Miriam Attard
Seg. Eżekuttiv